MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Numru. 707/2004

Illum, 2 ta' Novembru, 2007

Il-Pulizija
(Supretendent Sharon Tanti)

vs

Salvinu Debono

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Salvino Debono ta' 54 sena, iben il-mejjet Lorenzo u il-mejta Christina nee' Tabone imwieled Zejtun

nhar it-28 ta’ Awissu, 1949 u residenti 27, Gallu Street, Fgura, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 718949(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’Gunju u Lulju, 2004 f’B’Bugia u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

1. b’eghmil zieni ikkorrompa lil Sylvana Cini ta’ 13 il-sena (203);

2. ikkommetta attentati vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Sylvana Cini (207);

3. Meta kien fid-dmir li jiehu hsieb lil bintu Christina Debono ta’ 11 il-sena naqas li jiehu hsiebha kif jinhtieg (339 j);

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tat-22 ta’ Lulju, 2005 (a folio 125 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 18, 203, 207, 339(j), 17(c), 31, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta ta’ 14 ta’ Frar, 2006 l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata fis-seduta tas-6 ta’ Lulju, 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li l-Qorti staqsietu

t-tieni darba li hija ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.
Ghall-finijiet ta’ piena  l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet u l-fatt li t-tieni akkuza tista’ tiqies li hija assorbita fl-ewwel akkuza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi kollha ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-22 ta’ Lulju, 2005, tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija effettivi millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------